C/2026/2645

8.5.2026

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta [1]

Il-Każ M.11956 — UMG / DOWNTOWN

(C/2026/2645)

1. Fis-16 ta' Ġunju 2025, wara riferiment skont l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet [2], il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' tranżazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Universal Music Group N.V. (il-"Parti Notifikanti") beħsiebha takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Downtown Music Holdings LLC kollha kemm hi (flimkien il-"Partijiet").

2. Fit-22 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u li sabet li t-tranżazzjoni proposta qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Fl-20 ta' Awwissu 2025, il-Parti Notifikanti ppreżentat kummenti bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Artikolu 6(1)(c).

3. Fl-24 ta' Lulju 2025, l-iskadenza ġiet estiża b'10 ijiem ta' xogħol f'konformità mal-Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

4. Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ħarġet żewġ deċiżjonijiet, abbażi tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, lil kull Parti li jissospendu l-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet mit-2 ta' Settembru 2025. Il-limitu ta' żmien reġa' beda fl-20 ta' Ottubru 2025.

5. Fl-24 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ("SO", Statement of Objections) li tikkonkludi fuq bażi preliminari li t-tranżazzjoni proposta kienet se tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq intern.

6. Fit-8 ta' Diċembru 2025, il-Parti Notifikanti ppreżentat kummenti bil-miktub b'rispons għall-SO. Hija ma talbitx Seduta Orali.

7. L-aċċess għall-fajl ingħata għall-ewwel darba fl-24 ta' Novembru 2025 b'rabta mal-ħruġ tal-SO. Aċċess sussegwenti għall-fajl ingħata fil-25 ta' Novembru 2025, fid-19 ta' Diċembru 2025, fit-23 ta' Diċembru 2025, fit-30 ta' Jannar 2026 u fl-4 ta' Frar 2026. Ma rċevejt l-ebda lment jew talba dwar l-aċċess għall-fajl.

8. Matul il-proċedimenti, ħallejt lil żewġ terzi persuni interessati jipparteċipaw, skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE. Id-DĠ Kompetizzjoni informa lit-terzi persuni interessati dwar in-natura u s-suġġett tal-proċedura, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet [3], billi pprovdilhom verżjoni mhux kunfidenzjali tal-SO. It-tielet applikazzjoni għal parteċipazzjoni bħala terza persuna interessata ma baqgħetx tgħodd wara skambji mat-tim tal-Uffiċjal tas-Seduta, li ċċaraw l-iskop segwit mill-applikazzjoni u li indirizzaw lill-applikant lejn punti ta' kuntatt pertinenti.

9. Fil-11 ta' Diċembru 2025, il-Partijiet ippreżentaw l-ewwel sett ta' impenji bil-għan li l-konċentrazzjoni ssir kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (l-"Impenji Inizjali"). Fit-12 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni nediet eżami tas-suq tal-Impenji Inizjali.

([1]) Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/914 tal-20 ta' April 2023 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 22) (ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet").

10. Fit-22 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni tat feedback dettaljat lill-Partijiet dwar l-eżitu tal-eżami tas-suq.

11. Fil-15 ta' Jannar 2026, il-Partijiet ippreżentaw sett rivedut u finali ta' impenji (l-"Impenji Finali").

12. L-abbozz ta' deċiżjoni jiddikjara li t-tranżazzjoni proposta hija kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE, soġġett għall-konformità sħiħa mal-Impenji Finali.

13. Irrieżaminajt l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE u kkonkludejt li dan jittratta biss l-oġġezzjonijiet li l-Partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwarhom.

14. B'mod ġenerali, nikkunsidra li l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-Partijiet kien irrispettat.

Brussell, il-5 ta' Frar 2026.

Dorothe DALHEIMER